**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 15 ta' Marzu,2002

**Numru 3**

**Avviz. numru 12/02JR**

**Elmo Insurance Agency Limited, bhala rapprezentanti tas-socjeta` estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Lorenza sive Laura Pace u l-istess Lorenza sive Laura Pace**

**vs**

**Mario Padovani Ginies**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avvizipprezentat mill-atturi fis-7 ta' Jannar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u sittax-il lira Maltija u sitta u erbghin centezmu (Lm216.46), in kwantu ghall mija u sittax-il lira Maltija u sitta u erbghin centezmu (Lm116.46) lis-socjeta` Elmo Insurance Agency Limited noe u mitt lira**

**Maltija (Lm100.00) lil Lorenza sive Laura Pace, minnhom sborsati bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara Tarxien fit-18 ta' Marzu, 2000, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura numru FBB-806 habat mal-vettura numru AAI-229 propjeta` ta' l-attrici Lorenza sive Laura Pace u misjuqa minn Keith Pace, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;**

**Oltre l-imsemmija danni, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Dicembru, 2001, u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali b'effett mit-3 ta' Dicembru, 2001 sal-effettiv pagament.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-4 ta' Frar, 2002, fejn qal illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti stante illi l-incident stradali "de quo" sehh unikament tort ta' Keith Pace;**
**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' PS954 Paul Mangion, Joseph Mula, Keith Pace, Mario Padovani Ginies u Lina Padovani Ginies. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni li grat fit-18 ta' Marzu, 2000, ghall-habta tas-6.30pm, fi Triq Dejma kantuniera ma' Triq Kurunell Mas, Tarxien, bejn il-vettura AAI-229 misjuqa minn Keith Pace, u l-vettura FBB-806 misjuqa mill-konvenut.**

2. **Jirrizulta li z-zewg vetturi kienu fuq l-istop sign weqfin biswit xulxin, u li l-attur ried jikser lejn il-lemin filwaqt li l-konvenut ried jikser lejn ix-xellug.**

3. **Skond l-attur hu kellu l-indicator mixghul biex jindika l-fejn ried idur. Pero` l-konvenut u martu qed jghidu li l-attur mhux biss ma kellux l-indicator mixghul, izda jghidu li lanqas ma kien hemm hoss ta' magna. Fir-rigward definittivament il-konvenut kellu l-magna mixghula, ghax hu kien beda miexi meta gara l-incident, u dana jirrizulta wkoll minn kif spicca l-istess attur kif indikat fl-isketch.**

4. **It-Tribunal hu tal-fehma li z-zewg sewwieqa kienu fit-tort peress illi kienu qeghdin fil-karreggjata il-hazina biex jeffettwaw il-manuvra li riedu jaghmlu. Ghalhekk meta hargu prattikament fl-istess waqt u qasmu lil xulxin kien inevitabbli li issehh il-kollizzjoni.**

**5. Bhala danni s-socjeta` attrici hallset mitejn u sittax-il lira Maltija sitta u erbghin centezmu (Lm216.46), li minnhom gabru mitt lira bhala excess minghand il-klijent taghhom. L-imsemmija danni jirrizultaw mid-dokumenti esebiti Dok.C sa Dok.F. Peress illi kull parti kien jahti f'daqs ugwali ghall-incident, is-socjeta` attrici u l-attur ghandhom dritt biss ghal nofs l-ammont reklamat.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident kienu jahtu z-zewg partijiet fi kwoti ugwali, it-Tribunal qed jilqa` it-talba tas-socjeta` attrici limitatament fis-somma ta' tmienja u hamsin lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm58.23), u t-talba ta' l-attur fis-somma ta' hamsin lira Maltija (Lm50.00), u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmienja u hamsin lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm58.23), u lill-attur is-somma ta' hamsin lira Maltija (Lm50.00), salv kull dritt li ghandu il-konvenut ghad-danni li sofra hu. Fic-cirkostanzi l-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru mil-lum.**

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**